

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)  
> [Germany](#)

## Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Ġermanja

Ġermanja



Din it-taqsimha tipprovdilek informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ordinarji fil-Ġermanja.

### Qrati ordinarji - introduzzjoni

#### Ġurisdizzjoni f'materji kriminali

Il-qrati distrettwali (*Amtsgerichte*) bħala qrati tal-ewwel istanza jitrattaw kawżi ċivili - l-aktar dawk fejn il-valur tat-talba jkun sa € 5 000. Huma jitrattaw ukoll xi kawżi, bħal tilwim fuq kiri u kwistjonijiet familjali u ta' manteniment, irrispettivament mill-valur tat-talba.

Il-kawżi fil-qrati distrettwali jiġu mismugħa minn imħallef uniku.

Il-qrati reġjonali (*Landgerichte*) bħala qrati tal-ewwel istanza jitrattaw il-kawżi ċivili kollha li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati distrettwali. Normalment dawn ikunu tilwim fejn il-valur tat-talba jkun ta' aktar minn € 5 000.

Fil-prinċipju, il-kawżi quddiem il-qrati reġjonali jiġu mismugħa wkoll minn imħallef uniku. Madankollu, kawżi kumplessi u kawżi ta' importanza fundamentali jiġu deċiżi minn awla magħmula minn tliet imħallfin professjonali.

Il-qrati reġjonali bħala qrati tat-tieni istanza jitrattaw appelli kontra deċiżjonijiet dwar materji ċivili minn qrati distrettwali. L-appelli jinstemgħu minn awla li normalment tkun magħmula minn tliet imħallfin.

Barra minn hekk, jistgħu jitwaqqfu awli li jitrattaw materji kummerċjali fil-qrati reġjonali. Dawn jeżaminaw tilwim kummerċjali fl-ewwel u fit-tieni istanza. Dawn l-awli huma komposti minn imħallef li jippresjedi u żewġ persuni tan-negozju li jaġixxu bħala assessuri mhux esperti.

Il-qrati reġjonali superjuri (*Oberlandesgerichte*) normalment huma qrati tat-tieni istanza. F'kawżi ċivili, huma jiddeċiedu fuq appelli kontra sentenzi minn qrati reġjonali u minn qrati distrettwali f'materji familjari.

Is-senati (*Senate*) tal-qrati reġjonali superjuri huma normalment magħmula minn tliet imħallfin professjonali. Madankollu, kawżi ċivili li ma jippreżentaw l-ebda diffikultà partikolari u li mhumiex ta' importanza fundamentali jistgħu wkoll jiġu ttrasferiti lil imħallef uniku.

L-ogħla qorti ordinarja hija l-[Qorti Federali tal-Ġustizzja](#) (*Bundesgerichtshof*), li hija l-qorti tal-aħħar istanza u li tittratta l-appelli fuq punti ta' liġi biss. Is-senati tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja huma magħmula minn ħames imħallfin professjonali.

#### Ġurisdizzjoni f'materji kriminali

## Il-qrati tal-ewwel istanza

L-Att dwar il-Ġudikatura (*Gerichtsverfassungsgesetz - GVG*) jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati f'materji kriminali. Il-qorti distrettwali hija l-qorti tal-ewwel istanza f'materji kriminali, sakemm ma tkunx stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-qorti reġjonali jew il-qorti reġjonali superjuri (punt 24(1)(1) sa (3) tal-GVG). Imħallef tal-qorti kriminali jiddeċiedi dwar reat (punt 25 tal-GVG) jekk:

- il-prosekuzzjoni tal-każ tkun waħda privata
- jew mhix mistennija piena ta' aktar minn sentejn priġunerija.

Fil-każijiet l-oħra kollha, titwaqqaf qorti b'evalwaturi mhux esperti (*Schöffengericht*) (punt 28 tal-GVG); din hija magħmula minn imħallef professjonali wieħed u żewġ evalwaturi mhux esperti.

Din il-qorti tittratta reati ta' serjetà medja li l-qorti distrettwali għandha ġurisdizzjoni fuqhom (punt 24(1) tal-GVG), sakemm ma jkunux ġew ittrasferiti lil imħallef tal-qorti kriminali (punt 25 tal-GVG). Dawn huma kawżi fejn il-piena mistennija tkun sentenza ta' ħabs ta' bejn sentejn u erba' snin. Il-qorti tista' tiġi estiża fuq talba tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (punt 29(2) tal-GVG) jekk l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u l-qorti jikkunsidraw li hemm bżonn li jkun involut imħallef ieħor minħabba n-natura tal-każ.

Il-ġurisdizzjoni tal-qorti reġjonali hija rregolata mill-punt 74(1) tal-GVG. Dan jiddikjara li l-qorti reġjonali tittratta reati kollha li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti distrettwali jew tal-qorti reġjonali superjuri, jiġifieri fejn tkun mistennija sentenza itwal ta' ħabs.

Il-Kodiċi Kriminali Ġermaniż (*Strafgesetzbuch*) jiddistingwi bejn reat (*Vergehen*) u delitt (*Verbrechen*). Delitt huwa att li għalih il-liġi tistipula piena minima ta' sena ħabs. Id-delitti għalhekk huma aktar serji minn reat.

Il-qorti reġjonali tittratta l-atti kriminali kollha fejn il-piena mistennija taqbeż l-erba' snin ħabs (l-ewwel parti tat-tieni sentenza tal-punt 74(1), tal-GVG). Hija għandha wkoll ġurisdizzjoni jekk l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jiddeċiedi li jiftaħ kawża fil-qorti reġjonali minħabba l-importanza partikolari tal-kawża, anki jekk il-qorti distrettwali normalment ikollha ġurisdizzjoni.

Il-kawżi kriminali fil-qorti reġjonali jinstemgħu fl-ewwel istanza minn qorti kriminali kbira (*Große Strafkammer*), li hija ġeneralment magħmula minn tliet imħallfin u żewġ evalwaturi mhux esperti. Skont il-punt 76(2) tal-GVG, qorti kriminali kbira tista' tiddeċiedi fil-ftuħ ta' proċess jew meta tiġi ffixxata d-data ta' proċess li l-kawża tinstema' minn żewġ imħallfin u żewġ evalwaturi mhux esperti biss.

Il-qorti reġjonali superjuri għandha ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza għall-atti kriminali elenkati fil-punt 120(1) u (2) tal-GVG, li ħafna minnhom jinvolvu theddida għas-sigurtà jew għall-eżistenza tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Is-senat kriminali (*Strafsenat*) tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja jista' jkun magħmul minn ħames imħallfin, inkluż l-imħallef li jippresjedi. Madankollu, meta jibda l-proċess, tista' tiddeċiedi li l-kawża tinstema' minn tliet imħallfin, inkluż l-imħallef li jippresjedi, sakemm in-natura jew il-kumplessità tal-każ ma jagħmlux neċessarju l-involviment ta' żewġ imħallfin oħra (l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-punt 122(2) tal-GVG).

## Appelli

Il-qorti reġjonali tisma' appelli kontra s-sentenzi tal-qorti distrettwali (punt 312 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali [*Strafprozessordnung, StPO*]), fejn l-appell jinstema' mid-"diviżjoni kriminali żgħira" (*Kleine Strafkammer*) (punt 76(1) tal-GVG), magħmul minn imħallef professjonali u żewġ evalwaturi mhux esperti. Fil-każ ta' appelli kontra sentenza minn qorti akbar b'evalwaturi mhux esperti, jissejjaħ it-tieni imħallef professjonali (punt 76(6) tal-GVG). Barra minn hekk, skont il-punt tal-335 StPO, huwa possibbli li tiġi kkontestata sentenza dwar punt ta' liġi minflok permezz ta' appell ordinarju ("appell b'qabża 'l quddiem", *Sprungrevision*).

Appell fuq punt ta' liġi (*Revision*) jista' jiġi ppreżentat kontra kwalunkwe sentenza tal-qorti reġjonali jew tal-qorti reġjonali superjuri fl-ewwel istanza (punt 333 tal-StPO). Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja hija l-qorti tal-appell (*Revisionsinstanz*) mid-deċiżjonijiet kollha tal-qorti reġjonali superjuri u d-diviżjonijiet kriminali l-kbar tal-qorti reġjonali (punt 135(1) tal-GVG). Is-senati tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja jiddeċiedu dwar l-appelli b'ħames imħallfin professjonali, inkluż l-imħallef li jippresjedi. L-appelli minn sentenzi (oħra) tal-qorti reġjonali jiġu deċiżi mill-qorti reġjonali superjuri.

## Links relatati

[Qorti Federali tal-Ġustizzja](#)

---

■ L-aħħar aġġornament: 14/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.